REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1260/2014

tal-25 ta' Novembru 2014

li jiffissa tnaqqis b'rata fissa għad-dazju tal-importazzjoni għas-sorgu fi Spanja importat minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 180 tiegħu,

Billi:

(1) Skont il-ftehimiet konklużi fi ħdan il-kuntest tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj ([2]), l-Unjoni impenjat ruħha li tippermetti lil Spanja timporta l-ammont ta' 300 000 tunnellata sorgu kull sena.

(2) Bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-15 ta' Lulju 2014, il-perjodu li matulu d-dazju tal-importazzjoni għas-sorgu ġie stabbilit bħala EUR 0 kull tunnellata, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ([3]), fi Spanja ġew importati 41 580 tunnellata sorgu. Mis-16 ta' Lulju 2014, u wara l-introduzzjoni mill-ġdid ta' dazju tal-importazzjoni ta' aktar minn żero għas-sorgu skont ir-Regolament (UE) Nru 642/2010, ma ġie importat ebda sorgu fi Spanja.

(3) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008 tal-Kummissjoni ([4]) jistipola li jista' jiġi applikat tnaqqis għad-dazju tal-importazzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 642/2010 sabiex ikun żgurat li l-kwoti tal-importazzjoni jiġu utilizzati b'mod sħiħ.

(4) B'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq tas-sorgu, partikolarment għall-fatt li l-prezz tas-sorgu fis-suq globali huwa ogħla b'mod sinifikanti minn dak tal-qamħ, jeħtieġ li jiġi applikat tnaqqis b'rata fissa ta' 100 % tad-dazju tal-importazzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 642/2010.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fir-rigward tal-bilanċ disponibbli tal-kwantitajiet tas-sorgu li jrid jiġi impurtat fi Spanja skont il-kwota tariffarja miftuħa fl-1 ta' Jannar 2014, it-tnaqqis b'rata fissa tad-dazju tal-importazzjoni għas-sorgu msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008 hija stabbilita għal 100 % tad-dazju tal-importazzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 642/2010.

2. Għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57):

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER